**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 6**
**Appell Nru: 148/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Denise Mula )**

**Vs**

**ANTHONY GAFA'**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Gafa' talli fit-2 ta'Ottubru, 1999, ghal habta ta' l-4.30 a.m., f'Mistra Road, l/i San Pawl il-Bahar, (**1**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta'vettura numru ABB 973 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, (**2**) irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, (**3**) fl-imsemmija data, lok u hin, saq din il-vettura numru ABB 973 b'giri aktar milli jmissu, (**4**) b'manjera traskurata, u (**5**) b'manjera perikoluza.

Rat is-sentenza moghtija fil-25 ta'Mejju, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha ma sabetx lill-Anthony Gafa' hati ta'dawn l-akkuzi w illiberatu minnhom kollha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 13 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberazzjoni fuq l-akkuzi (1)(3)(4) u (5), izda tirrevoka l-liberazzjoni kwantu ghat-tieni (2) akkuza, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti interpretat hazin dak li tghid il-ligi fl-Artikolu 15 E (4) tal-Kap. 65, li jiddisponi li hadd ma jista' jirrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs hlief ghar-raguni indikata fil-proviso ta' dan l-Artikolu.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mill-provi li meta l-appellat kien ittiehed id-depot tal-pulizija sabiex hemmhekk jaghti kampjun tan-nifs, bhala fatt hu rrifjuta li jaghti dan il-kampjun lill-Ispettur Ronald Cilia, l-ufficcjal inkarigat ghal dan l-iskop. Jirrizulta li hu kien gie mgharraf li kien qed jittiehed id-depot biex jaghti t-tieni kampjun tan-nifs tieghu. Jirrizulta li ghal aktar minn darba, dan l-Ispettur wissa lill-appellat li r-rifjut tieghu li jaghti dan il-kampjun huwa reat, izda xorta l-appellat baqa' jirrifjuta ghaliex, skond hu, kien ferm agitat minhabba l-agir u dewmien tal-pulizija biex imorru fuq il-post tal-kollizzjoni li kien involut fiha hu sieghat qabel fix-Xemxija. Barra minn hekk, l-appellat hass li ma kellux

ghalfejn jaghti t-tieni kampjun tan-nifs ghaliex kien gja' ta l-ewwel wiehed fuq il-post tal-habta bla ebda kontestazzjoni.

Illi teknikament u legalment, ghalhekk, jirrizulta r-reat addebitat lill-appellat ghaliex il-fatt li kien agitat u rrabbjat ma jiggustifikax ir-rifjut tieghu li jaghti l-kampjun tan-nifs. Ma jirrizultax li meta intalab jaghti dan il-kampjun tan-nifs mill-Ispettur Cilia, hu, cioe', l-appellat, kien f'xi stat ta'inkapacita', la fizikament u lanqas mentalment, u ma kien hemm ebda riskju ghas-sahha tieghu. Pero', jezistu cirkostanzi f'dan il-kaz li jiffavorixxu li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha ai termini ta' l-Artikolu 15H (1)(a)(2) tal-Kap. 65, minkejja il-fatt, kif inghad, li dan ir-reat taht it-tieni akkuza sehh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali dan billi filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fl-akkuzi numerati (1) (3) (4) u (5), u l-liberazzjoni ta' l-appellat fuq dawn l-akkuzi, thassarha u tirrevoka fil-bqija. Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 15 E (4) tal-Kap. 65, issib lill-appellat Anthony Gafa' hati fuq it-tieni akkuza. Bhala piena, minhabba c-cirkostanzi li jirrizultaw, din il-Qorti sejra tapplika l-piena fil-minimu taghha, li pero', ai termini tal-fuq imsemmija disposizzjoni, hija wahda tassattiva, u ghalhekk, tikkundanna lill-appellat Anthony Gafa' fuq it-tieni akkuza misjub hati ghall-Multa ta'mitejn lira Maltin (Lm200), kif ukoll skwalifika minn kull licenzja tieghu tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur